Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 283/2015

Il-Pulizja

Vs

John Debono

Illum 26 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, John Debono detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 774352M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' minn Dicembru, 2011 sa Dicembru, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Carmela Xerri u/jew lill-uliedu s-somma ffisata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas disk is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu sitt xhur prigunerija. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) Li din is-sentenza tigi revokata minhabba l-impossibilita' li l-manteniment imsemmi jithallas fit-terminu ndikat fl-avviz, hekk skond il-principju *nemo impossibilia tenetur;*

(2) Li fin-nuqqs li tilqa' l-ewwel aggravju, joghobha thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-imputat inghata piena ta' sitt xhur prigunerija u taghti terminu skond il-ligi hekk kif jippermetti l-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant John Debono huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi jigi sottomess bil-qima illi l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet l-imputat hati nonostante li gie sottomess mill-imputat li l-mezzi tieghu inbiddlu minhabba dizabilta' fizika u renditu inkapaci li jahdem bi qliegh u li ghalhekk m'hu qieghed idahhal l-ebda introjtu li bih ikun jiflah imantni lil martu, li ilha zmien twil issa li qieghda tirrikorri ghall-ghajnuna socjali.

Ghaldaqstant, l-esponenti jaghmel unili referenza ghal xi sentenzi f'dan ir-rigward:

Fil-kawza fi-ismijiet "Il-Pulizija vs Guzeppi Schembri", il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta rriteniet illi "jehtieg li fic-cirkustanzi tal-fattispecje jkun hemm xi element ta' 'misconduct' ta' xorta kriminali, b'mod li jigi offiz l-ordni pubbliku; u ghalhekk il-ligi ma tikkuntentax ruhha bis-semplici fatt materjali li l-mara ma tkunx qeghda tigi alimentata, imma tezigi wkoll xi zregolatezza tar-ragel." L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta trattat f'din il-kawza s-sitwazzjoni meta l-mara taghlaq ir-rizorsi finanzjaiji tar-ragel b'tali mod li jkollu jaghmel arrangamenti ta' self sabiex jghix. L-esponenti jesponi bir-rispett li jhoss li

considerando certu similitudni bejn il-fatti odjerni u l-fatti f'din il-kawza citata, u ghalhekk ikun opportun li jsir certu analogija in vista tal-fatt li f'dawn iz-zewg kawzi, l-imputati t-tnejn li huma spiccaw f'pozzizzjoni li ma setghux ihallsu manteniment minhabba grajjiet li ma kenux previsti u lanqas li kellhom kontroll fuqhom; ghathekk kien ikun tabilhaqq li kieku l-Ewwel Onorabbli Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt tad-dizabilta' fizika tal-imputat li affettwatlu l-mezzi finanzjarji tieghu. Ghaldaqstant, l-esponenti jissottometti bir-rispett li bl-ebda mod ma kellu l-intenzjoni li jisfida ordni tal-Qrati Maltin, izda kien in fatti minhabba dawn ic-cirkostanzi ii ma setghux jigu previsti li huwa ntavola proceduri ohra quddiem il-Qrati Civili ai termini ta' l-artiklu 54(7) tal-Kodici Civili li jipprovdi: "Meta jkun hemm tibdil ii jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-Qorti tista'fuq talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz."

F'dan il-kuntest, f'sentenza ohra tal-Qorti ta' 1-Appell Kriminali diversament preseduta fi-ismijiet "Il-Pu lizija (Spettur Angelo Baldacchino) vs Robert James", gie ritenut illi "jekk wara dik il-kundanna jintervjenu cirkostanzi godda, ir -ragel xorta wahda jibqa' obbligat ghal dak il-manteniment sakemm ma jfittix li biex tigi rrevokata jew immodifikata dik il-kundanna quddiem it-tribunal civili." Din il-pozizzjoni giet ikkonfermata f'Appell iehor ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fi-ismijiet "Il-Pulizija vs Anthony Saliba."

L-esponenti jirrilleva bl-ikbar qima illi fatti simili gew trattati wkoll fil-kawza fl-ismijiet "Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem", li fiha l-Qorti ta' l-Appell ikkunsidrat l-impossibilta' tal-hlas ta' l-alimenti minhabba mard li biddlu l-mezzi finanzjarji tal-konvenut. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell rreferiet ghal-principju generali tal-Ligi 'nemo ad impossibilia tenetur' li "tirrikorri meta tirrikorri dik l-impossibilta' ... skond il-principju tal-jus superveniens... u huwa f'dan il-kuntest li ghandu jkollu applikazzjoni dan il-principju."

Illi in vista tal-premess, jirrizulta car illi l-ebda ammenda ma hijiex ser issolvi l-problemi finanzjarji ta' l-appellanti, li ghadu sal-lum dizokkupat, u ghalhekk fic-

cirkostanzi tal-kaz, hemm lok ghal temperament fil-piena moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti. F'dan ir-rigward, issir umili referenza ghas-Sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Luiju 1998 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Anthony Saliba", fejn il-piena inflitta fuq l-akkuzat li naqas milli jhallas manteniment stante illi kien dizokkupat fiz-zmien inkriminat, kienet ta' hames Liri Maltin (Lm 5.00).

2. Illi, minghajr pregudizzju ghal-ewwel aggravju, jigi sottomess bil-qima illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza moghtija nhar 1-20 ta' Mejju 2015 ikkundannat lill- imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija. Dan minkejja illi fl-akkuza ma kien hemm ebda imputazzjoni dwar ir-recediva tal-istess imputat. L-artikolu tal ligi 338(z) huwa car u inekwivoku u jghid illi:

**338.** Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –

(*z*) meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma:

Iżda, minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, l-azzjoni kriminali għal reat taħt dan il-paragrafu taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sitt xhur:

Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f'kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn;

Illi ghalhekk huwa car illi t-terminu ta' sitt xhur prigunerija meta l-anqas ma kien hemm l-imputazzjoni tar-recidivita' huwa eccessiv u umilment jitlob lill din il-Qorti tnaqqas it-terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti iressaq zewg ilmenti kontra d-decizjoni impunjata fir-rikors ta'l-appell minnu intavolat u dan meta issostni fl-ewwel lok illi huwa jinsab fl-impossibilita li ihallas il-manteniment dovut billi huwa dizokkupat u ghalhekk

japplika il-principju *nemo impossibilia tenetur* u fit-tieni lok jilmenta illi l-piena ta' sitt xhur prigunerija ma hijiex dik ikkontemplata fil-ligi ghal kaz billi ma hemm l-ebda akkuza dwar ir-recidiva. Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali ta'l-appell, l-appellanti iqanqal lanjanza ohra din id-darba meta jishaq illi l-akkuza hija preskritta u dan billi ir-reat huwa ikkunsmat fil-mument illi huwa jonqos milli ihallas il-manteniment dovut u ma jistax jitqies bhala reat kontinwat, ukoll ghaliex fil-fehma tieghu l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ma isibx applikazzjoni ghall-kontravvenzjonijiet. Kwindi jishaq illi r-reat huwa preskritt bid-dekors ta' sitt xhur mid-data ta' kull vjolazzjoni. Isostni illi gjaldarba il-preskrizzjoni tal-azzjoni penali hija wahda sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, kwindi il-fatt illi huwa ma qajjimx aggravvju formali fir-rigward ma tippreKludiex lill-Qorti milli titratta dana l-ilment gdid tieghu.

Illi mal-ewwel din il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi l-appellanti ma ghandux ragun. Ma hemmx dubbju illi hekk kif ighaddu hmistax-il jum minn dak in-nhar illi il-manteniment ma jithallas ghal perijodu relattiv, issir l-infrazzjoni tal-ligi. Jekk imbaghad tibqa' issir l-infrazjoni ghal perijodi sussegwenti, allura tibda issehh l-istat ta' kontinwita tar-reita'.

Sabiex reat ikun wiehed kontinwat, jehtieg li jikkonkorru tlett rekwiziti, cioe',
(1) diversi azzjonijiet li jivvjolaw l-istess disposizzjoni tal-ligi;
(2) li gew maghmula f'okkazzjonijet differenti;

(3) li gew maghmula dejjem bl-istess risoluzzjoni jew intenzjoni kriminuza biex tinkiser dik l-istess disposizzjoni tal-ligi.

Fuq kollox:

**"Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat**

**kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.[1]"**

Issa l-appellanti jikkontendi illi l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ma isibx applikazzjoni ghal kontravvenzjonijiet. Il-Qorti anke hawnhekk hija tal-fehma illi l-appellanti ma ghandux ragun. Dan ghaliex l-artikolu 18 ma igib l-ebda distinzjoni bejn id-delitti u l-kontravvenzjonijiet fejn hemm dispost:

**"Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi."**

L-artikolu 2, fil-fatt, ighid car u tond illi **"ir-reati jitqassmu f'delitti u kontravvenzjonijiet".** Fuq ir-reat kontinwat il-Professur Mamo ighallimna:

***"Section 20*** (illum 18) ***of the Criminal Code refers to 'offences' generally without distinction: and it therefore applies both to 'crimes' and to 'contraventions'."***

Illi ma hemmx dubbju illi l-intenzjoni ta'l-appellanti kienet wahda u unika u cioe' illi huwa ma ihallasx il-manteniment dovut biex b'hekk sehh il-ksur ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi. Dan ghaliex, kif jallega huwa stess, jinsab fl-impossibilita li jaghmel dan minhabba l-istat ta' sahha tieghu kif ukoll minhabba l-fatt illi huwa dizokkupat, argument madanakollu li gie rigettat mill-Qorti ta'l-Appell (Sede Civili) bis-sentenza taghha tal-24 ta' April 2015 fejn gie iddikjarat illi l-manteniment kien dovut mill-appellanti skont il-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-konjugi Debono[2]. Huwa inutli ghalhekk illi l-appellanti jipprova jaghti sembjanza ta' istantanjeta' lil dan ir-reat meta l-aspett guridiku tieghu certament jeskludieh. Kif inhu inutli ukoll ghall-appellanti jishaq illi l-azzjoni penali intentata fil-konfront tieghu hija preskritta meta l-preskrizzjoni ta' sitt xhur, allura, bdiet tiddekorri mill-

[1] Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri – App. Inf – (per Imhallef Lino Agius) – 30/10/2001
[2] John Debono vs Carmela Debono – 228/2011

ahhar infrazzjoni u cioe' minn Dicembru 2014 u l-azzjoni giet intavolata f'Marzu 2015.

Stabbilit ghalhekk illi l-azzjoni kriminali ma hijiex preskritta, l-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tezamina l-lanjanzi sollevati mill-appellanti fir-rikors tieghu ta'l-appell. Illi l-ewwel ilment minnu imressaq dwar l-impossibilita illi ihallas il-manteniment dovut minhabba l-istat ta' sahha tieghu u ukoll minhabba il-fatt illi huwa dizokkupat jifforma il-mertu tal-gudizzju milhuq fis-sede civili li ghalkemm bhala azzjoni hija wahda indipendenti minn dik penali madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora l-kontenut taghha stante illi dak kien il-forum idonju fejn setghet tigi ivventilata dina l-lanjanza, u wara li giet hekk ivventilata, dik il-Qorti kif kolleggjalment komposta cahhdet tali argument.

Fil-fatt id-dottrina hija kostanti *in subjecta materia* meta jinghad:

*"... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontavenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet."* (Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998; ara ukoll Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002, u Il-Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009).

Issa f'dan il-kaz ma saret l-ebda modifika ghal dak pattwit bejn il-ko-litigandi fil-kuntratt ta' separazzjoni u kwindi l-appellanti huwa marbut illi jirrispettah bil-konsegwenza illi fin-nuqqas huwa irid jiffaccja id-dettami tal-ligi penali. Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Illi jifdal biex jigi trattat l-ahhar aggravvju dwar il-piena komminata ta' sitt xhur prigunerija u dan ghaliex l-appellanti jishaq illi l-piena ta' sitt xhur prigunerija ma hijiex dik prevista fil-ligi u hija allura eccessiva billi f'dan il-kaz l-appellanti lanqas kien recidiv fejn allura hemm ikkontemplata piena li tnaqqas il-liberta personali meta jinghad:

**"Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f'kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn."**

Il-Qorti hawn taqbel ma'l-appellanti u dan ghaliex ghalkemm huwa minnu illi l-akkuzat ma huwiex qed jigi akkuzat bir-recidiva madanakollu billi huwa instab hati li ikkometta reat kontinwat, allura l-piena ghandha tizdied minn grad sa tnejn.

Issa l-artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali jipprevedi illi:

**Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi specjali ohra, il-pieni li jistghu jigu moghtija ghall-kontravvenzjonijiet huma - (a) id-detenzjoni; (b) l-ammenda; (ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba."**

L-artikolu 31(g) imbaghad jistabilixxi illi:

**"it-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet isir għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur."**

Illi allura billi huwa minnu illi fl-akkuza ma hemmx ikkontemplata ir-recidiva tal-appellanti, madanakollu billi, kif inghad, jezistu l-elementi kollha mehtiega bil-ligi ghall-applikazzjoni ta'l-artikolu 18 tenut kont illi l-infrazzjonijiet jirrisalu sa mis-sena 2011, allura z-zieda mill-piena tal-kontravvenzjonijiet ghandu ikun fil-fehma tal-Qorti dak li inaqqas il-liberta personali u cioe' ta' tlett xhur prigunerija kif previst fl-artikolu 31(g) hawn fuq iccitat.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghed tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija fl-appellanti, tvarja il-piena inflitta billi minflok

dik ta' sitt xhur prigunerija, wara li rat l-artikoli 338(z), 18, 7(2) u 31(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tinfliggi piena fuq l-appellanti ta' tlett xhur prigunerija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur